Djoċesi ta' Għawdex

# Newsheet tal-Għaqdiet Kattoliċi

Segretarjat għall-Appostolat tal-Lajċi

**Nru. 489** **Settembru 2017**



## L-E.T. Mons. Arċisqof Alessandro D'Errico, Nunzju ġdid għal Malta

L-Arċisqof Charles J. Scicluna, l-Isqof Mario Grech, Mons. Joe Galea Curmi u Mons. Simon Sanchez laqgħu lill-E.T. l-Arċisqof Alessandro D'Errico, in-Nunzju Appostoliku l-ġdid, mal-wasla tiegħu, il-Ġimgħa 4 ta' Awwissu 2017, fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta.

Mons. Alessandro D'Errico twieled f'Frattamaggiore f'Napli l-Italja, fit 18 ta' Novembru 1950. Ġie ordnat saċerdot fl 24 ta' Marzu 1974 u ħadem fid-Djoċesi ta' Aversa. Għandu Dottorat fil-Filosofija.

Huwa studja fl Akkademja Pontifiċja Ekklesjastika f'Ruma u ngħaqad mas-Servizz Diplomatiku tas-Santa Sede fil-5 ta' Marzu fl 1977. Serva fin-Nunzjatura tat-Tajlandja, il-Brażil u l-Greċja. Wara serva fil-Prefettura della Casa Pontificia, u wara kien rappreżentant tal-Papa fl-Italja u l-Polonja.

Fl 14 ta' Novembru tal-1998 inħatar Arċisqof Titulari ta' Carini u Nunzju Appostoliku fil-Pakistan.

Fil 21 ta' Novembru 2005 nħatar Nunzju fil-Bożnija Ħerzegovina.

Fis 17 ta' Frar 2010 nħatar Nunzju fil-Montenegro.

Fil 21 ta' Mejju 2012 nħatar Nunzju fil-Kroazja.

Mons. D'Errico, bħala rappreżentant tal-Papa, għandu r-responsabilità li jirrappreżentah mal-Knisja f'Malta u Għawdex, kif ukoll mal-awtoritajiet ċivili. Huwa wkoll id-Dekan tal-Korp Diplomatiku akkreditat għar-Repubblika ta' Malta.

Id dmir tiegħu hu li jkun ta' għajnuna għall-Isqfijiet, isaħħaħ l-għaqda mas-Sede Appostolika u jmexxi 'l quddiem ir-relazzjonijiet bejn is-Santa Sede u l-Gvern ta' Malta.

---

## *BIEX TWARRAD IT-TAMA*

Siltiet mill-Pastorali tal-Isqof Mario Grech fl-okkażjoni tas-solennità liturġika tal-Assunzjoni ta' Marija fis-Sema

### Id-dixxerniment

Meta wieħed jittama, ma jfissirx li dan joqgħod jistenna l-bajtra taqa' f'ħalqu! It-tama hija frott ta' dixxerniment. Dan l-eżerċizzju huwa meħtieġ, għax ir-realtà mhix dejjem dik li tidher mal-ewwel daqqa t'għajn. Barra l-bniedem li jidher, hemm il-bniedem interjuri li kapaċi jkollu ġawhar prezzjuż mistur. Il-bniedem li jittama, kapaċi joħroġ fid-deher dan it-teżor. Għalhekk Santu Wistin jgħid li t-tama għandha żewġt ibniet ħelwin: "ir-rabja" lejn l-affarijiet kif inhuma; u "l-kuraġġ" biex l-affarijiet jinbidlu.

### Tamiet qarrieqa

Għall-komunità Nisranija, id-don tat-tama huwa responsabbiltà, fis-sens li huwa dmir tagħna li ngħinu biex fis-soċjetà jinfetħu proġetti ta' tama għall-oħrajn. Imma biex nissodisfaw ix-xewqat tal-bniedem, ma għandniex noffru tamiet bi prezz irħis. Dan huwa l-każ meta noffru droga għar-rikreazzjoni jew dik legalizzata. Lill-bniedem ma nissodisfawhx billi nagħtuh dak li jitlob, imma billi nipprovdulu dak li jixraqlu. Huwa tajjeb li wieħed jagħti tama lill-immigranti billi jipprovdilhom xogħol, imma li dawn jaħdmu f'kundizzjonijiet ħżiena u jirċievu paga inqas minn dik li jistħoqqilhom, dan għalija huwa għamla ġdida ta' jasar.

Għalhekk, kulħadd skont il-kompetenza tiegħu, huwa msejjaħ jgħin biex in-nazzjon jiddixxerni t-toroq tat-tama. Is-soċjetà terġa' ssib it-tama: (1) meta l-bniedem ikun fil-qalba tal-istituzzjonijiet tagħha; (2) meta tissaħħaħ is-solidarjetà bejnietna; (3) meta ma tingħalqax fil-biża' ta' ċertezzi foloz; (4) meta tinvesti fl-iżvilupp u fil-paċi; (5) meta tinfetaħ għaż-żgħażagħ, toffrilhom perspettivi serji ta' edukazzjoni u ta' xogħol; (6) meta tinvesti fil-familja; (7) meta tirrispetta l-kuxjenza u l-ideali taċ-ċittadini tagħha; (8) meta tħares il-ħajja fil-qdusija kollha tagħha u tbarri l-abort u l-ewtanasja.

*Ara il-Pastorali kollha tal-Isqof fuq il-website tal-Curia*: www.gozodiocese.org

---

## 1 ta' Settembru - "Jum Dinji ta' Talb għall-Ħarsien tal-Ħolqien"

"Bħala Nsara nixtieqdoes noffru s-sehem tagħna biex tingħeleb il-kriżi ekoloġika li minnha għaddejja l-familja tal-bnedmin. ... Il-kriżi ekoloġika għalhekk qed issejħilna għal konverżjoni spiritwali qawwija: l-Insara huma msejħa għal konverżjoni ekoloġika ..." (Il-Papa Franġisku)

Ara fil-Laikos **...** http://www.laikos.org/Papa_Frangisku_JUmil-Holqien_06082015.htm

| | |
|---|---|
| 1. Il-Ġimgħa | Jum Dinji ta' Talb għall-Ħarsien tal-Ħolqien.<br>L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar. Adorazzjoni u Tqarbina Riparatriċi.<br>Quddiesa għall-Professjonisti fil-Knisja ta' Santu Wistin, Victoria fit-8.30pm. |
| 2. Is-Sibt | L-Ewwel Sibt tax-xahar.<br>Lejl adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Knisja Ta' Ħamet - Quddies: 8.30pm u Nofsillejl). |
| **3. Il-Ħadd** | **It-22 Il-Ħadd tas-Sena. Sena A.**<br>**Festa tal-Madonna tal-Karmnu fix-Xlendi.** |
| 4. It-Tnejn | Santa Rosa minn Viterbo,Verġni. Tifkira. |
| 5. It-Tlieta | Santa Tereża ta' Kalkutta. Tifkira. |
| 6. L-Erbgħa | San Żakkarija Profeta. Tifkira.<br>Laqgħa tal-Kulleġġ tal-Kappillani.<br>Tiftaħ Wirja Fotografika f'Dar Karmni Grima dwar l-Ambjent Naturali Għawdxi (7.00pm). |
| 7. Il-Ħamis | Tifkira tal-Bidu tal-Leġjun ta' Marija (7 ta' Settembru 1921). |
| **8. Il-Ġimgħa** | **It-Twelid tal-Imqaddsa Verġni Marija. Festa.**<br>**Jum il-Vitorja. Festa Nazzjonali.**<br>**Festa ta' Marija Bambina (Parroċċa Xagħra/Knisja ta' Savina, Victoria).** |
| 9. Is-Sibt | San Pietru Claver, Presbiteru. Tifkira.<br>Lejl adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb, Victoria - Quddies: 8.30pm u Nofsillejl). |
| **10. Il-Ħadd** | **It-23 Hadd tas-Sena. Sena A.**<br>**Festa ta' Sant'Antnin (Franġiskani Minuri, Għajnsielem).** |
| 11. It-Tnejn | San Vinċenz ta' Leon, Abbati u Martri. Tifkira. |
| 12. It-Tlieta | L-Isem tal-Verġni Mqaddsa Marija. Tifkira. |
| 13. L-Erbgħa | San Ġwann Krisostmu, Isqof u Duttur tal-Knisja. Tifkira (O).<br>Il-5 dehra tal-Madonna ta' Fatima (Knisja ta' Ħamet: fil-5.30pm adorazzjoni solenni u fis- 6.30pm quddiesa u wara pellegrinaġġ ta' talb).<br>Laqgħa ta' Formazzjoni għall-Katekisti (Seminarju fil-5.30pm). |
| **14. Il-Ħamis** | **L-Eżaltazzjoni tas-Salib Imqaddes. Festa.** |
| **15. Il-Ġimgħa** | **Il-Verġni Mqaddsa Marija tad-Duluri. Tifkira (O).** |
| 16. Is-Sibt | **Il-153 Anniversarju tat-Twaqqif tad-Djoċesi ta' Għawdex. Festa.**<br>Lejl adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Knisja ta' San Franġisk, ir-Rabat - Quddies: 8.30pm u Nofsillejl). |
| **17. Il-Ħadd** | **Il-24 Il-Ħadd tas-Sena. Sena A.**<br>**Festa tal-Madonna tal-Grazzja (Knisja tal-Kapuċċini, Victoria).** |
| 18. It-Tnejn | San Ġużepp ta' Copertino. Reliġjuż. Tifkira. |
| 19. It-Tlieta | San Ġennaru, Isqof u Martri. Tifkira. |
| 20. L-Erbgħa | Sant'Andrija Kim Taegon, Presbiteru San Pawl Chong Hasang, u Sħabhom, Martri.<br>Tifkira (O). / Laqgħa ta' Formazzjoni għall-Katekisti (Seminarju fil-5.30pm). |
| 21. Il-Ħamis | San Mattew Appostlu u Evanġelista. Festa. / Jum l-Indipendenza (Festa Nazzjonali).<br>Quddiesa għall-Katekisti (Santwarju Madonna ta' Pinu - 10.30am). |
| 22. Il-Ġimgħa | Beatu Vincente Scicluna Hernandez u 232 matri Spanjoli. Tifkira. |
| 23. Is-Sibt | San Piju ta' Pietrelcina, Presbiteru. Tifkira (O).<br>Ċenaklu tal-Azzjoni Kattolika (Dar Ċentrali – 4.30pm)<br>Adorazzjoni għall-Persuni Kkonsagrati (Parroċċa tal-Għarb - 7.00-9.00pm).<br>Lejl adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Kappella tal-Oratorju Don Bosco r-Rabat - Quddies: 8.30pm u Nofsillejl). |
| **24. Il-Ħadd** | **Il-25 Il-Ħadd tas-Sena. Sena A.** |
| 25. It-Tnejn | San Albertu ta' Ġerusalem , Isqof. Tifkira. |
| 26. It-Tlieta | San Kosma u San Damjan, Martri. Tifkira. |
| 27. L-Erbgħa | San Vinċenz de Paul, Presbiteru. (Tifkira O). |
| 28. Il-Ħamis | San Vinċeslaw, Re tal-Boemja, Martri jew San Lawrenz Ruiz u Sħabu, Martri. |
| 29. Il-Ġimgħa | L-Arkanġli Mqaddsa San Mikiel, San Gabrijel u San Rafel. Festa. |
| 30. Is-Sibt | San Ġilormu, Presbiteru u Duttur tal-Knisja. Tifkira (O).<br>Lejl adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Knisja ta' Savina, ir-Rabat - Quddies: 8.30pm u Nofsillejl). |